**Ċirkulari 3/2025**

**18 ta' Lulju 2025**

**Għażiż Perit,**

**Tranżizzjoni għall-Formola Diġitali ta' Responsabilità sal-31 ta' Lulju 2025**

Kif diġa' spjegat fiċ-Ċirkolari 2/2025, il-BCA introduċiet pjattaforma diġitali ġdida li tissostitwixxi l-formoli ta' responsabbiltajiet Dettaljati u s-Sommarji tradizzjonali.

Jekk jogħġbok innota li:

• Wara t-tnedija tal-pjattaforma diġitali fid-9 ta' Ġunju 2025, hemm fis-seħħ perjodu ta' tranżizzjoni, li matulu jiġu aċċettati sottomissjonijiet kemm diġitali kif ukoll manwali.

• Id-data finali għall-aċċettazzjoni ta' formoli manwali hija l-Ħamis, 31 ta' Lulju 2025.

• Mill-1 ta' Awwissu 2025, is-sottomissjoni ta' Formoli Diġitali ta' Responsabilità se ssir obbligatorja, u l-formoli kollha mimlija manwalment se jiġu rrifjutati.

Għalhekk inħeġġu lill-Periti kollha biex jidħlu hawnhekk https://portal.bca.gov.mt biex jiffamiljarizzaw ruħhom mas-sistema l-ġdida, u jibdew jużawha mingħajr dewmien biex jiżguraw tranżizzjoni bla xkiel.

Jekk tiltaqa' ma' xi diffikultajiet jew ikollok suġġerimenti għal titjib, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-BCA permezz tal-imejl fuq ict.support@bca.org.mt.

Grazzi tal-attenzjoni u l-kooperazzjoni tiegħek.

**L-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni**